MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2009

Numru. 214/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech/Nadya Lanzon)**

**Versus**

**Jesmond Borg**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Jesmond Borg ta’ 21 sena bin Nicholas u Philippa nee Cortis imwieled il-Pieta’ fid-19 ta’ Mejju 1984 u residenti 76 Ave Maria Frs Ferd Matteo Street Żebbuġ ID 251984 (M)

Akkużat talli

F’dawn il-Gżejjer fil-lejl ta’ bejn l-14 u l-15 t’Awwissu 2005 kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (Ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika bi ksur ta-

ddispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini. Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati liema mediċina nstabet f'tali ċirkostanzi li juru ***li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu.***

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali tal-24 ta' Mejju 2006, iċ-ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 2519 tal-19894, il-fedina penali tal-imputat, l-eżenzjoni magħmula da parti tad-difiża sabiex ma jkollux għalfejn ikollu jinħatar espert analista stante li l-esibiti jirriflettu l-imputazzjoni (fol 5), u l-istqarrija tal-imputat (fol 10 et)

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

5. Skond il-Prosekuzzjoni fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' Awwissu 2005, PC 10 u PS 1064 osservaw lill-imputat jaħbi xi oġġett f'wieħed mit-tyres tal-BBH 262. Il-Pulizija sabu li l-oġġett kien fih 7 ecstasy. Instabu tliet pilloli oħra li kienu moħbijin ġol-bumper tal-istess vettura. (Fol 7) Il-Pulizija bidlu dawn il-pilloli b'ġebel u reġgħu poġġew fejn kienu nstabu moħbijin il-pilloli.

6. L-imputat irritorna biex jiġbor il-container minn fejn kien ħbieh. Fil-vettura nstabu wkoll xi tliet biċċiet tar-resina tal-cannabis. Hawn ċertu Karl Zammit ammetta li dawn kienu tiegħu.

7. Fl-istqarrija magħmula fit-23 ta' Awwissu 2005, l-imputat għażel li ma jweġibx għal ħafna mid-domandi. Huwa kkonferma biss li meta marru fuqhom il-Pulizija huwa kien rema l-bott.

8. PC 10 Trevor Cassar xehed kif fl-14-15 t'Awwissu 2005 kien hemm party fl-Eden Ice Arena u waqt li kienu barra josservaw il-parking huma raw Panda sewda minn fejn ħareġ l-imputat u nħbew xi affarjiet mal-karozza. Huwa kien tbaxxa mat-tyre ta' quddiem u telqu. Ix-xhud sab bott b'7 pilloli u minflok poġġa l-ġebel. Ftit wara ġie l-imputat u tbaxxa mat-tyre. X'ħin marru fuqu l-Pulizija rema l-bott. Il-Pulizija għarrfuh li kienu biddlu l-pilloli. L-istess xhud spjega li kienu sabu pilloli oħra moħbijin fil-caliper u tliet biċċiet raża tal-cannabis. Ix-xufier kien ħadd ieħor. (fol 18)

9. Ikkonferma dawn il-fatti wkoll PS 1220 Chris Baldacchino u spjega kif wara ftit li kien sar il-bdil billi fil-bott intefgħu ġebel flok l-ecstasy, l-imputat mar u ħa l-bott.

10. In kontro-eżami l-istess xhud qal li PC 10 kien ra lill-imputat ipoġġi xi ħaġa u x'ħin marru ħdejn ir-rota kien idika l-post fejn kien lill-imputat ipoġġi xi ħaġa.
L-imputat kien daħal fil-party (fol 42). Imbagħad wara ftit reġa' ġie. Ħdejn it-tyre ma kienx hemm aktar bottijiet.

11. PS 1213 Carlos Axisa spjega kif kien hemm xi żgħażagħ fil-Fiat Panda pparkjata faċċata tal-Eden. L-imputat kien tbaxxa u mar jaħbi xi ħaġa ħdejn ir-rota. Mal-imputat kien hemm xi żewġ żgħażagħ oħra. Kien hemm dawl biżżejjed biex jagħrfu min kien avviċina bil-bott u ġie lura għalih.

12. In kontro-eżami, ix-xhud qal li lill-imputat rah jaħbi l-bott u mhux jgħaddieh lil ħadd ieħor.

13. Xehdet ukoll (in kontro-eżami) l-ex-Spettur Nadya Lanzon li nnegat li kienet għamlet xi theddid lill-imputat waqt l-istqarrija. L-imputat kellu kull dritt ma jiffirmax.

14. Fil-kontro-eżami PC 10 Trevor Cassar Mallia kkonfrma li warfa t-tyre kien hemm biss il-bott li pprova jieħu l-imputat. Huwa qal ukoll li kien hemm dawl biżżejjed biex jaraw x'qed jiġri. (Fol. 37)

**Xhieda Difiża (barra l-kontro-eżamijiet imsemmija hawn fuq)**

15. L-imputat xehed li kien sejjer party u qabduh b'seba' pilloli. Huwa qal li dawn kienu għalih. Huwa qal ukoll li l-pilloli kienu tiegħu. Kien għamilhom huwa stess fuq it-tyre. L-imputat xehed li huwa kien jitla' l-party darba fill u li ġieli ħa seba' pilloli u anke aktar. Issa l-problema tad-droga rnexxielu jikkumbattiha.

16. Matul l-istqarrija huwa qal li kien imwerwer u kien rema l-bott meta marru fuqu l-Pulizija għax inħasad. Hu u sieħbu kienu ser jiltaqgħu ma' ħafna nies.

17. Xehed ukoll Karl Zammit li qal li hu l-imputat kienu sejrin party ġewwa Paceville. Ix-xhud kellu l-kannabis waqt li l-imputat kellu l-ecstasy. Dawn l-ecstasy kienu għall-imputat. L-imputat kien jieħu ecstasy għaliex fil-party ma kienx 'jarah sewwa.' Jaħseb ukoll li kien jieħu 5 jew 6. Ix-xhud qal li 'jaħseb li d-droga kienet għalih.'

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

18. Il-Prosekuzzjoni stabbiliet li l-imputat kien fil-pussess ta' seba' pilloli ecstasy u dan meta kien dieħel f'party. Jirriżulta wkoll li l-imputat kien allontana ruħu mill-karozza u wara ġie lura biex jieħu l-bott li koen ħeba huwa stess.

19. M'hemmx dubju li l-imputat kien fil-pussess ta' seba' ecstasy u dan meta kien dieħel party.

20. L-imputat ipprova jiġġustifika dan in-numru billi qal li huwa kien jieħu seba' jew aktar pilloli għaliex il-party kien jibqa' sejjer sal-għada filgħodu u anke aktar.

21. Bir-rispett kollu l-Qorti ma temmen xejn lill-imputat u ssib il-verżjoni tiegħu mhux attendibbli.

22. Lanqas ma temmen dak li xehed Karl Zammit li fejn ried deherlu li għandu jgħid li l-ecstasy kienu għall-imputat u fejn ried beda juża l-verb 'jaħseb' kif jidher mis-suċċint fil-paragrafu 17.

23. Minkejja dawn il-verżjonijiet xejn attendibbli u li bl-ebda mod ma jiġġustifikaw il-preżenza ta’ 7 pilloli ecstasy fuq l-imputat, il-Qorti jibqagħlha dak il-lurking doubt ukoll jekk is-suspett li dawn il-pilloli kienu għall-ispaċċjar huwa ferm qawwi.

Konklużjoni

24. Il-Qorti, wara li rat ir-regolament 3 (1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985, kif ukoll l-artikoli 40A, 120A,(1a), 120A(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 31, **mhux issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni kif dedotta kontrih , iżda minflok qed issibu ħati ta’ pussess sempliċi, reat li huwa kompriż u involut fl-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat.**

**25. Dwar il-piena, il-Qorti qed tqis li dan huwa l-ewwel reat tal-imputat iżda fl-istess ħin instabu b’seba’ pilloli ecstasy waqt li kien dieħel f’party. Bħalma diġa’ ntqal drabi oħra mill-Qorti tal-Appell Kriminali, (Inferjuri), ċerti ammonti jiġru fl-idejn (speċjalment f’party bħal f’dan il-każ) huma ta’ perikolu sew u għalhekk qed tikkundanna lill-imputat iħallas multa ta’ €1170. Il-multa tista’ titħallas b’rati ta’ mitt Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba’ ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ jitħallas f’daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel fi priġunerija skond il-Liġi.**

26. Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------